MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2005

Numru 387/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

Joseph Penza

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Penza numru karta ta’ identita’ numru 828045(M), akkuzat talli:

Fid-29 ta’ Ottubru 1998 u fix-xhur precidenti, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokument falz u cioe’ dokumenti ta’ diversi socjetajiet esteri, u dokumenti ohra, illi meta jigu

prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsina ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan bi ksur ta' l-Artikolu 18 u 169 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet , disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom jippruvaw. Jew xjentement ghamel uzu ta' l-istess dokumenti hekk foloz, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra il-ligi , jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm1926 bi hsara tal-Gvern ta' Malta. U dan bi ksur ta' l-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa, f'ismu propju, kif ukoll fil-kapacita' tieghu bhala direttur ta' Mobilja Penza Ltd., 204B Industrial Estate, Luqa, akkuzat talli:

Fl-4 ta' Frar, 1998 u/jew f'xi dati qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 105 datat 23 ta' Jannar 1998, liema dokument

juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R67267. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm422, Levy mhallsa kienet ta' Lm362, meta fil-fatt il-valur u Levy reali kellhom ikunu Lm1053 u Lm835 rispettivament.

Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fit-2 ta' Frar, 1998 giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order 67267 fil-5 ta' Frar, 1998. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq tinharab il-Levy fuq l-importazzjoni li tammonta ghal Lm473 dovuti lill-Gvern ta' Malta.

Fl-10 ta' Lulju 1998, u/jew f'xi dati qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 1862 datat 24 ta' Gunju 1998, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R21394. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm423, Levy mhallsa kienet ta' Lm378, meta fil-fatt il-valur u Levy reali kellhom ikunu Lm1057 u Lm853 rispettivament. Il-merkanzija in kwistjoni li kienet importata f'Malta fl-1 ta' Lulju 1998, giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release Order 21394 fit-30 ta' Ottubru 1998. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq tinharab il-Levy fuq l-importazzjoni li tammonta ghal Lm475 dovuti lill-Gvern ta' Malta.

Fid-29 ta' Ottubru 1998, u/jew f'xi data qabel, xjentement, issottometta lid-Dipartiment tad-Dwana dokument li jgib in-numru 3055 datat 21 ta' Ottubru 1998, liema dokument juri valur anqas minn dak originali; kif ukoll dikjarazzjoni bin-numru R56487. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valuri reali. Il-valur dikjarat kien ta' Lm1304, Levy mhallsa kienet ta, Lm1199, meta fil-fatt il-valur u Levy reali kellhom ikunu Lm2608 u Lm2177 rispettivament. Il-merkanzija in kwestjoni li kienet importata f'Malta fis-27 ta' Ottubru 1998, u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana Release

Order 56487 fit-30 ta' Ottubru 1998. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq tinharab il-Levy fuq l-importazzjoni li tammonta ghal Lm978 dovuti lill-Gvern ta' Malta.

Dan bi ksur ta' l-artikoli 18, 62(f) (g) (h) (i) (k) (m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-Artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazji ta' Importazzjoni Kap 337, tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Rat il-kunsens tal-Kontrollur tad-Dwana sabiex jigu inizjati dawn il-proceduri.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrifletti.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jittrattaw l-falsifikazzjoni u offizi relatati ma' ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37), l-Att dwar Dazji ta' Importazzjoni (Kap 337) u l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali (Kap 336).

Wara li kkunsidrat ix-xhieda u d-dokumenti esebiti din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-piena li l-aktar tirrispekkja l-kaz hija dik tal-prigunerija sospiza. Rat ghalhekk l-Artikolu 18, 169, 183, 184, 188, 308, 309, 17, 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kap 37 u l-Artikolu 18A tal-Kap 337 u tikkundannah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 sena prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------